KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

## LAQGHAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 15

Il-ħmistax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 21 ta' Frar 2013 fit-18.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | Kris Busietta | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier (Daħal fis-18 :38) |
| | John Pillow | Kunsillier (Daħal fis-18 :47) |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUZATI** | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Approvazzjoni tal-Pagamenti
4. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012
5. Approvazzjoni tal-Budget 2013
6. Restawr ta' niċeċ fil-lokal
7. Talbiet varji għal kumpens finanzjarju
8. Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati
9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera
10. Aġġornament

Kien hemm qbil li s-seduta tiġi sospiża għal item 4 u 5 tal-aġenda sabiex l-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella jgħamel il-preżentazzjoni tal-*financial statements 2012.*

*Daħal il-Kunsillier Nicolai Gauci għas-seduta fis-18.38*

*Daħal il-Kunsillier John Pillow għas-seduta fis-18.47*

Is-seduta kompliet fid-19:15

## 4. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS 2012

4.1 Wara li l-*accountant* tal-Kunsill għamel preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju, fost affarijiet ġew imsemmija dawn il-punti: *Approvazjoni tal-financial statements 2013*

a. Il-Kunsill għandu jiltaqa mar-rappreżentanti ta' Polidano Bros ħalli jkun jista isir *set-off agreement* sabiex jingħalqu il-kotba finanzjarji ma din il-kumpanija.
b. Ġie nnotat li l-korsijiet tal-*Lifelong Learning* ġew jiswew ħafna lill-Kunsill meta komparati mad-dħul li kellu l-Kunsill. Dawn kienu qegħdin isiru fl-iskola tal-Gvern. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li apparti l-fatt li qegħdin jiġu għolja dan il-post mhuwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilta. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li għal darb'oħra l-Kunsill jgħamel sejħa pubblika għal kiri ta' post bi fejn dawn il-korsijiet jistgħu isiru bi prezz irħas.
c. Dwar it-tiżjin tal-Milied, ġie nnotat li l-ispiża għal kiri ta' tiżjin tal-Milied qed tiġi tiswa ħafna. Il-Kunsill qabel li jkun aħjar li jikkonsidra li jixtri t-tiżjin tal-Milied tiegħu stess.
d. Ġie nnotat ukoll li l-Kunsill għad għandu jiġbor flus minn diversi *suppliers*. Il-Kunsill qabel li uħud *jiġu written* off għaliex antiki ħafna u l-oħrajn nibqgħu ninsistu li jħallsu.
e. Dwar il-kotba tal-Istorja Tas-Sliema ta' Winston Zammit kien hemm qbil li d-differenza ta' kotba li kien hemm mis-sena l-oħra kienu ingħataw bla ħlas ngħataw lill-istudenti jew kolletturi. L-*accountant* tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni li jkun aħjar li għal darb'oħra jkun hemm rendikont lil min ingħataw minħabba l-awditjar. Kien hemm qbil dwar dan.
f. L-*accountant* tal-Kunsill informa li hemm lista ta' *equipment* bħal *camera*, kompjuters etc. li dawn ma baqgħux jaħdmu matul is-sena finanzjarja u għaldaqstant ġew disposed. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ppropona li l-*financial statements 2012* jiġu approvati b'dawn in-notamenti msemmija. Il-Kunsillier M. Briguglio issekkondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2013

5.1 Ġie nnotat li l-każ tal-ex *Contracts Manager* Stephen Buhagiar għadu ma nqatax. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm *contingent liability note* fil-*budget* ta' Ewro 32,000. Kien hemm qbil dwar dan.

5.2 Is-Sindku ppropona li jiġi approvat il-Budget 2013. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-Budget 2013*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 14_17_01_2013. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 14_17_01_2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.3 dwar il-problema tal-ħamiem u informa li hu ġie avviċinat minn resident fi Triq Dingli li jista joffri li titpoġġa gaġġa fuq il-bejt tiegħu biex jinqabbdu l-ħamiem. *Problema tal-ħamiem*

2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.5 ta' l-aħħar seduta dwar il-latrini pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv bgħat korrispondenza u r-risposta għalija kienet li dawn huma f'idejn il-Kunsill u li jista isir manutenzjoni fuqhom. *Latrini Pubbliċi*

2.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.11 ta' l-aħħar seduta dwar il-kuntratt tal-Perit Vassallo. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu bżonn il-Perit għax kien hemm ix-xogħolijiet ta' *resurfacing* fi Triq it-Torri u l-Perit ta' s-servizz tiegħu u għalhekk ma kienx il-waqt li jitkellmu dwar il-kuntratt biex jintemm bi ftehim. Madankollu l-Kunsill qabel li fil-Kunsill il-ġdid dan għandu jkun wieħed mill-prijoritajiet biex jinbeda l-proċess għal kuntratt ieħor. *Kuntratt tal-perit*

2.4 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 2.1 ta' l-aħħar seduta dwar il-pont ta' Triq Manwel Dimech. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jkun qiegħed jibni ħajt temporanju biex ikun hemm aktar sigurta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ispiża tiġi aktar minn Ewro 69,000 fuq stima ta' Perit tal-MRRA. Il-Kunsillier K. Busietta qal li forsi aktar il-quddiem il-Kunsill ikun jista japplika għal fondi apposta għal restawr ta' dan il-pont. *Il-pont ta' Triq Manwel Dimech*

2.5 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 2.2 ta' l-aħħar seduta dwar il-bye laws tal-BBQ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din qegħda d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni imma għandhom isiru ċertu emendi biex il-kitba tal-Bye Law tirrifletti ċertu tibdil li qabel fuqu il-Kunsill dan l-aħħar. *Bye laws BBQ*

2.6 Is-Sindku irrefera għal punt 2.4 ta' l-aħħar seduta dwar it-tender tal-knis. Is-Sindku informa lill-Kunsill li sar is-smigħ tal-appell pero d-deċizjoni ta' din il-kawża għada ma waslitx. *Kuntratt tal-knis*

2.7 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 2.15 dwar iċ-ċumnija li qegħda ddaħan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ġie infurmat li saret l-ispezzjoni min-naħa tal-MEPA iżda għadt m'għandux *feedback*. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat *reminder*. *Ċumnija*

2.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 3.1 ta' l-aħħar seduta dwar il-kont eċċessiv tal-ARMS. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Ministeru ma jistgħax jindaħal f'deċizjoni li tieħu ARMS, madankollu reġa bagħat korrispondenza lill-ARMS biex jirrevedu il-pożizzjoni tagħhom, iżda għad m'għandux risposta. *Kont eċċessiv tal-ARMS*

2.9 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 4.6 ta' l-aħħar seduta dwar it-tindif tal-bins. Ġie infurmat li fil-kuntratt tal-knis hemm li l-bins iridu jinħaslu filwaqt li fil-kuntratt tal-ġbir ta' skart għandu fil-kuntratt li jrid ibattal l-bins. *Tindif tal-bins*

2.10 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 4.5 dwar ir-*recycling bins* fejn il-Kunsill kien saqsa jistax fuq dawn il-bins ikun hemm ukoll *ashtray* fil-wiċċ. Il-Kunsill qabel li dan m'għandux jsir fil-wiċċ għaliex ikun hemm tendenza li *cigarette bud* jitpoġġa f'wieħed mil-bins u l-iskart riċiklat jiġi mħallat. Is-Segretarju qal li għandu jitlob kjarifika jistgħax issir *ashtray* fuq is-*sample* mgħażul. *Recycling bins*

*Ġiet skużata mis-seduta l-Viċi Sindku fit-19.37*

2.11 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 4.12 dwar Triq Santa Rita. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill talab għal stallazjoni ta' 'No Entry' signs f'din it-triq kantuniera ma Triq Lunzjata lit-TM, iżda għadu bla risposta. *Triq Santa Rita*

*Daħlet lura għas-seduta l-Viċi Sinku fit-19.40*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier K. Busietta saqsa dwar il-pagament lill-*Guard and Warden*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawk kienu servizzi ta' gwardjani għax-xogħlijiet ta' patching u bankini li saru mill-Kunsill.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kontijiet indirizzati mill-Alberta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn huma għall-*recordings* mitluba mil-Pulizija minħabba xi illegalitajiet li jkunu saru fi Triq Bisazza. Il-Kunsillier J. Pillow qal li hu ma jaqbilx li dawn għandhom jitħallsu mill-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ma jara xejn ħażin għax dan huwa servizz lill-komunita. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja x'toffri l-*insurance* tagħna f'dan il-każ. *Rapporti ta' cctv*

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament f'isem Jean Marc Chapelle. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien mitlub li jiġi jieħu ritratti għal konferenza li saret dwar *Crime on Elderly* kif kien deċiż fl-laqgħa ta' Kunsill u li r-ritratti li jibgħatl l-fotografu huma go *Dropbox* tal-Kunsill.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm korrezzjoni żgħira f'numru 44 dwar il-pagament lill-Caxton li d-deskrizzjoni għandha tinqara li l-flyers kienu għall-attivita tal-karnival u mhux ta' *remembarance day.* Dawn ta' l-aħħar għadhom iridu jiġu mniżżla fl-iskeda li jmiss.

3.5 Is-Sindku propona li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekondat. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni ta' parti mill-kont tal-kuntrattur *Philip Agius and Sons* wara li lesta diversi xogħlijiet fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu diġa bagħat dan il-kont lill-Perit tal-Kunsill

għal ċertifikazzjoni iżda minħabba li l-problema li tant ilha tiġi msemmija, dik li l-perit idum biex jirrispondi, saret diskussjoni sħiħa dwar jekk għandux jitħallas parti mill-kont, u id-differenza tibqa *on account* sakemm titlesta iċ-ċertifikazzjoni. Il-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu li sakemm jiġu ċertifikati mill-perit, il-Kunsill joħroġ l-ammont ta' Ewro 20,000 biss.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-Mica Med dwar xogħlijiet tad-dwal fit-toroq li kienu ġew miżmuma għal diversi drabi minkejja li ta' xhur wara ġew approvati. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jibqgħu miżmuma. Il-Kunsill reġa ddiskuta l-problema tas-servizz li qegħdin nieħdu u d-dewmien biex tissewwa bozza u anke li l-ilmenti jibqgħu deħlin minkejja li l-kuntratturi jinfurmawna li l-bozza tkun saret. Il-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu li l-Kunsill għandu joħroġ mill-Kumitat Konġunt tad-Dawl u jibda preparamenti għal ħruġ ta' tender għal dan is-servizz li jkun jiġġedded sena b'sena.

*Qbil li l-Kunsill joħroġ mill-Kumitat Konġunt tad-Dawl*

## 6. RESTAWR TA' NIĊĊEĊ FIL-LOKAL

6.1 Ġie mfakkar li fl-aħħar seduta kien hemm qbil li dawn ikunu proġettati wara l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, dan il-punt ma ġiex diskuss.

*Il-Kunsillier P. Portelli talab sospensjoni tas-seduta minħabba li kien hemm xi individwi li xtaqu jipproponu attivita artistika bl-isem ta' Sliema Street Arts Festival. Kien hemm qbil għas-sospensjoni tas-seduta.*

L-organizzaturi għal din l-attivita spjegaw l-idea li għandhom għal Street Art Festival fis-Sajf 2013. L-għan ta' din l-attivita hi li arti tiġi esposta fuq l-*promenade*. Fost affarijiet oħra se jkun hemm mużika, ħitan fejn ikun hemm min jista jpingi fuqhom, artisti lokali u barranin, *workshops* għat-tfal, *workshops* dedikati għal karita. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li attivitajiet b'al dawn ikunu jistgħu japplikaw għal *Arts Fund.*

Il-Kunsillier P. Portelli ipprona li din l-attivita għandha ssir fit-28, fid-29 u fit-30 ta' Ġunju 2013 matul il-*promenade.* Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu, iżda qalu li hemm bżonn jingħata rendikont ta' kemm tali festival ser jiswa lill-Kunsill qabel issir deċiżjoni finali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'dan il-festival.

*Qbil li jsir Street Art Festival f'Tas-Sliema*

## 7. TALBIET VARJI GĦAL KUMPENS FINANZJARJU

7.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill qiegħed jirċievi numru ta' talbiet għal kumpens u jixtieq li l-Kunsill jieħu deċiżjoni kif wieħed jista jaqta dawn il-każi individwali għaliex uħud ilhom minn Kunsilli ta' qabel u jħoss li kull każ għandu jinqata' u l-individwu ikun jaf f'hiex inhu u mhux nibqgħu nġebbdu. Is-Sindku informa wkoll li dawn il-każijiet ġew irreferuti lill-avukat tal-Kunsill pero r-risposta li tatna hi li għandhom jipprovdu aktar informazzjoni.

7.2 Il-Kunsillier K. Busietta qal li l-Kunsill m'għandux jibqa jaċċetta *claims* biex ma noħolqux preċedent u min irid, jista dejjem iffitex lill-Kunsill bil-Qorti. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jara każ b'każ. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li għandu jkun hemm bord apposta magħmul minn perit u l-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillier M. Briguglio żied jgħid li l-Kunsill għandu jitlob *assessment* professjonali u min ikun qiegħed jagħmel il-*claim* li tirrikjedi perit irid jippreżenta wkoll ċertifikat mill-perit tiegħu u l-perit tagħna jivverifika.

7.3 Is-Sindku propona li biex ikun hemm pożizzjoni waħda l-individwu irid jikteb b'mod uffiċjali, b'rapport uffiċjali lill-Kunsill. Min-naħa tal-Kunsill għandu jkun hemm *standard letter.* Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera preżenti.

*Deċiżjoni dwar talbiet għal kumpens*

7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-ittra tista tiġi fformolata la darba jkollna avukat tal-Kunsill.

7.5 Kien hemm qbil ukoll li dawk li ma jaqblux mar-risposta tagħna jistgħu eventwalment ifittex il-Kunsill bil-Qorti.

7.6 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm każijiet li jirrikjedu parir tal-perit jew tal-avukat u hemm oħrajn li jkunu jridu jitilgħu Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan u ġie deċiż ukoll li għal dawk li diġa ktibna u xorta ma aċċetawx risposta tagħna m'hemmx x'jista jsir aktar, il-każ ikun magħluq.

## 8. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

8.1 Is-Sindku irrefera għall-offerti li l-Kunsill irċieva dwar l-immaniġjar ta' skart riċiklat mill-Green MT u mill-Green Pak. Is-Sindku informa li GreenPak irrispondew għat-talbiet tagħna filwaqt li l-Green MT ma irrispondewx għal kollox.

8.2 Peress illi dan il-kuntratt ġdid irid jibda f'Marzu, u li waħda mit-tibdiliet ġodda hija li dan l-iskart jinġabar fis-sebgħa ta' filgħaxija, l-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li sa' April 2013 għandu jibqa jinġabar fis-seigħa, biex b'hekk ikun hemm ċanc ninfurmaw ir-residenti bil-bdil tal-ħin tal-ġbir.

8.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li għanda tintgħażel l-offerta ta' Green Pak.

*Deċiżjoni li l-Green Pak se jkun responsabbli mill-iskart riċiklat*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fid-21.10*

## 9. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

9.1 Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li l-proposta ta' one way fi Triq Amery u Triq Gorg Borg Olivier ġiet miżmuma minn Transport Malta, fejn dawn talbu *Traffic Impact Assessment.*

*Triq Amery u Triq Gorg Borg Olivier*

9.2 Kien hemm diskussjoni jekk il-Kunsill għandux jagħmel TIA jew le. Il-

*Deċiżjoni għal Traffic*

Kunsillier P. Radmilli qal li kieku hu jagħżel li dan isir u jibqa għaddej bil-proċess. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsill għandu jitlob kwotazzjonijiet għal dan. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill m'għandux jinfluwenza d-deċiżjoni u għandu jħalli f'idejn l-esperti biex joħorġu b'soluzzjoni. Is-Sindku qal li tajjeb ikunu jafu pero li skont it-TM ir-rotta tal-Arriva tieħu preċedenza. *Impact Assessment*

9.3 Il-Kunsillier P. Portelli qal li t-*traffic island* li hemm fi Qui si Sana għandu jkun indikat ċar li l-karozzi ma jistgħux jaqbżu. *Traffic Island fi Qui si sana*

9.4 Wara li l-Kunsill kien talab biex jara sample ta' litter bin ġie deċiż li l-Kunsill jista jixtri 75 bins minn SR Environmental Solutions Ltd. Dan iżda għandu isir biss jekk ikun hemm garanzijji ġari dwar *corrossion resistance* u jekk tistgħax teħel *ashtray* mal-bin. *Xiri t'aktar bins*

*Il-Kunsilliera M. Camilleri u N. Gauci ġew skużati li jitilqu mis-seduta fl-21.37.*

9.5 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali għar-residenti issir wara l-elezzjoni tal-Kunsilli. *Laqgħa annwali*

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata li titlaq mis-seduta fl-21.50*

9.6 Il-Kunsillier P. Radmilli talab biex il-Kunsill isaqsi lil Green Pak kemm il-darba se jkunu qiegħdin ibattlu l-bins u jekk ibattlux tal-*ash trays.*

9.7 Il-Kunsillier J. Pillow talab li l-Kunsill jiċċekkja dwar il-*corrosion* tal-litter bins.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2013 fis-6 ta' filgħaxija. Is-seduta intemmet fl-22.00.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**